MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 309/2008

**A B mart C D,**
**imwielda B, f' isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem'**
**ta' binha minuri F D**
**vs**
**C D, G H**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponenti hija mart il-konvenut C D izda jinsabu mifrudin permezz ta' kuntratt tad-29 ta' Novembru 2005 in atti Nutar Dr. Robert John Muscat – Dok. B;

Illi fis-7 ta' Novembru 2005 l-esponenti welldet lil binha F D – Dok. C – li twieled minn relazzjoni li l-esponenti

ghandha ma’ G H izda f’ dan ic-certifikat missier it-tifel huwa mnizzel bhala C D meta dan mhix il-kaz billi l-missier huwa G H;

Ghaldaqshekk l-esponenti titlob bil-qima li din l-Onor. Qorti joghgobha:

1a. Tiddikjara li C D mhux il-missier naturali tal-minuri F D;

1b. Tiddikjara li l-minuri F D huwa wild naturali ta’ l-intimat G H;

2. Tordna tiswija fl-att tat-twelid tal-minuri msemmi F D bin-numru 4010/2005 billi minflok il-konnotati ta’ C D – kull fejn jirrikorru – jidhlu dawk ta’ G H minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-intimat l-iehor, id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, mharrka minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li l-ewwel talba ghandha tkun li jigi dikjarat li C D mhux il-missier naturali tal-minuri in kwistjoni.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg illi r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali u cioe’ ta’ l-intimat G H sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-

kunjom tat-tarbija jigi korrett u l-kliem “the said” taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta’ l-omm ghandhom jigu kancellati.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota prezentata mill-konvenut C D li permezz taghha ammetta ghat-talbiet ta’ l-attrici, salv ghall-kap ta’ l-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut G H li biha rrisponda li huwa “jaccetta u jaqbel li l-wild F D huwa tifel tieghu, u dana wara relazzjoni li kellu ma’ A B.”;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA redatt u mahluf mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel F D li twieled minnha fis-7 ta’ Novembru 2005 mhuwiex il-wild naturali ta’ zewgha l-konvenut C D, izda huwa l-wild bijologiku tal-konvenut G H.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici u l-konvenut C D zzewgu fis-27 ta’ Settembru 2003, izda wara konvivenza matrimonjali qasira ta’ tlett xhur, dawn isseparaw de facto. Sussegwentement l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut G H, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel F li pero’ fuq l-att

tat-twelid tieghu numru 4010/2005 gie registrat bhala l-wild tal-konvenut C D.

Illi l-attrici tikkonferma li r-relazzjoni mal-konvenut G H kienet wahda esklussiva, u miz-zmien tas-separazzjoni de facto hija kellha relazzjonijiet intimi ma’ G H biss.

Illi r-rapport xjentifiku jikkorrobora t-tezi ta’ l-attrici u jikkonferma lil G H bhala l-missier naturali tat-tifel F.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi milli kawza, billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici; u tiddikjara li l-konvenut C D mhuwiex il-missier naturali tat-tifel F D li twieled fis-7 ta’ Novembru 2005, izda li dan it-tifel huwa l-wild bijologiku tal-konvenut G H; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici prorpio u mill-konvenut G H, konguntivament, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------